# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum il-Hamis, 03 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 203/2018/LSO**

**GasanMamo Insurance Limited [C 3143]**

**vs**

**Maria Ann Johnson [K.1.0029198M]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ GasanMamo Insurance Limited (C3143) datat 1 ta’ Marzu 2018 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Julian Mamo (K.I. 341169M), ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici kkonferma u ddikjara : -

Illi fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) Carmen Spiteri kkoncediet lill-intimata Johnson l-fond Flat No. 7, Block 1, Triq l-Imsida, Gzira, permezz ta' ftehim ta' lokazzjoni (kopja ta' liema ftehim tinsab annessa u mmarkata bhala **"Dok A**");

Illi sussegwentement s-socjeta' rikorrenti akkwistat l-imsemmi fond minghand Carmen Spiteri, permezz tal-kuntratt ta' akkwist datat il-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017);

Illi *ai termini* tal-klawsola 2 tal-imsemmi ftehim ta' lokazzjoni (Dok "A"), il-lokazzjoni tal-fond kienet ghal perjodu ta' sitt xhur u d-data tat-terminazzjoni tal-ftehim kienet it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

Illi mad-data tat-terminazzjoni tal-imsemmi ftehim l-intimata Maria Ann Johnson ma vvakatx il-fond;

Illi s-socjeta' esponenti baghtet ittra fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. B") u sussegwentement ittra fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) (kopja

annessa u mmarkata bhala "Dok. C") fejn l-intimata ntalbet li tivvaka l-fond u ccedi l-pussess tac-cwievet;

Illi l-intimata rceviet u accettat verbalment li tivvaka l-fond u fissret din l-accettazzjoni permezz ta' firma fuq l-ittra datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) izda sal-lum baqghet tokkupa l-fond u ghalhekk kellha tigi ssir din il-procedura;

Illi dina l-procedura qed issir minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi danni, ossia kumpens ghall-okkupazzjoni li jista' jkun dovut lir-rikorrenti ghall-perjodu bejn id-data tat-terminazzjoni tal-kirja u d-data meta jigi rilaxxat il-pussess tal-fond favur ir-rikorrenti;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn esposti;

Illi l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti ghat-talbiet tas-socjeta' attrici u ghalhekk huwa l-kaz li dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u *a tenur* tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghal dan il-ghan ukoll qed jigi anness bhala Dokument "D" l-Affidavit ta' Mr Julian Mamo (KI 341169M), ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex m'ghandux din il-Bord, bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artikolu 167 *et seq* tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u *a tenur* tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta) prevja kull dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun inkluz dikjarazzjoni li l-intimata qed tokkupa l-fond bla titlou validu fil-ligi:

1. Tordna lill-konvenuta tizgombra mill-fond *Flat No. 7, Block 1, Triq l-Imsida, Gzira* a favur tar-rikorrenti, fi zmien qasir u perentorju, li joghgbu jimponi dana l-istess Qorti;

Bl-ispejjez komprizi fl-ismijiet premessi kontra l-konvenuta, minn issa ngunta in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenuta, kompriz kull azzjoni ghar-rizarciment tad-danni spettanti lilha u kompriz kull azzjoni ghall-kumpens ghall-okkupazjoni illegali da parti tal-istess konvenuta tal-appartament hawn imsemmi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ April 2018 fid-9:30am, b’ ordni lill-intimata biex tidher f’ dik il-gurnata u twiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 3 ta’ Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Karl Briffa u Dr Sarah Pace Warrington ghas-socjeta` attrici. Dehret il-konvenuta Maria

Ann Johnson li talbet li l-proceduri jkomplu bil-lingwa Ingliza.

*The defendant declared that she is ready to vacate the tenement provided she is given sufficient time in order to sort out her personal affairs, as she is undergoing medical treatment, and would be in a position to do so if she is given three (3) months. The plaintiffs' advocates declare that they are submitting themselves to the discretion of the courts*.

Ir-rikorrenti talbu korrezzjoni fl-ewwel talba, billi l-kelma "bord" tigi sostitwita bil-kelma "Qorti". Il-Qorti laqghet t-talba u ordnat l-korrezzjoni rikjesta.

**INGHATAT SENTENZA:**

Il-Qorti,

Wara li rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici;

Rat ukoll il-verbal tal-intimata fejn iddikjarat li ma ssibx oggezzjoni li tivvaka l-fond in mertu, purche` li jinghata terminu xieraq;

Rat l-Artikoli 167 *et sequens* tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant tghaddi biex tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici, u tordna lill-konvenuta sabiex tizgombra mill-fond mertu ta' din il-kawza, u cioe` Flat No. 7, Block 1, Triq l-Imsida,

Gzira fi zmien perentorju ta' tliet xhur mil-lum, u dan bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti mis-socjeta` attrici.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**03 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Mejju 2018**